# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI TA' MALTA

## MAGISTRAT DR FRANCESCO DEPASQUALE

**Seduta ta' nhar it-Hamis sebgha u ghoxrin (27) ta' Ottubru 2016**

**Rikors Numru 266/15 FDP**

**Fl-atti tal-Ittra Ufficjali Nru 2081/15, intavolata a tenur tal-Artikolu 466 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fl-ismijiet:**

**Automated Revenue Management Limited f'isimha proprju u ghan-nom tal-Korporazzjoni Enemalta u l-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma**

**Vs**

**Maria Victoria Grech u, b'digriet tas 16 ta' Novembru 2015, gie kjamat in kawza Aaron Grech (ID 86073M)**

Il-Qorti:-

Rat ir-rikors intavolat minn Maria Victoria Grech fis 7 ta' Settembru 2015 a tenur tal-Artikolu 466 (2) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn ir-rikorrenti sahqet illi t-talba fil-konfront tar-rikorrenti kienet infondata fil-fatt u fid-dritt u dana ghal tlett ragunijiet:

1. L-ewwel nett, l-gudizzju m'huwiex integru stante illi r-rikorrenti ilha mizzewga ma' Aaron Grech sa mis-sena elf disa mija u tmienja u disghin (1998), li mieghu tinsab fi proceduri ta' separazzjoni personali izda l-komunjoni tal-akkwisti ghadha mhux mahlula, u ghalhekk l-imsemmi Aaron Grech ghandu jigi kjamat f'dawn il-proceduri, stante li d-dejn reklamat, jekk dovut, irid jigi sopportat mill-komunjoni tal-akkwisti esistenti bejn il-konjugi Grech.
2. It-tieni hija illi r-rikorrenti ilha li telqet mill-fond 34, Xandrija, triq il-Harruba, Mgarr minn Dicembru 2014, liema fond qieghed issa jigi okkupat esklussivament minn Aaron Grech u s-servizzi huma kkunsmati minnu esklussivament u anke abbusivament biex jahli ghalxejn.
3. It-tielet u l-ahhar raguni hija illi l-ARMS Limtied trid tipprova l-ammont dovut

Rat illi, ghal ragunijet fuq indikat, ir-rikorrenti talbet lill-Qorti tiddikjara t-talba fil-konfront taghha da parte tas-socjeta Automated Revenue Management Services Limited bhala wahda infondata fil-fatt u fid-dritt.

Rat ir-risposta tas-socjeta ARMS ippresentata fis 7 ta' Ottubru 2015 fejn is-socjeta intimata sahqet illi l-ammont kollu mitlub huwa dovut filwaqt illi indikat illi l-ahhar pagament relatat mas-servizz fil-fond 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr jirrisali ghat 3 ta' Marzu 2014, jigifieri qabel mar-rikorrenti telqet mid-dar.

Rat illi s-socjeta intimata insistiet illi hija ma tidholx fil-kwistjonijiet civili li jista jkun hemm pendenti bejn ir-rikorrenti w ir-ragel taghha u dina l-Qorti ma tistax tintuza bhala strument ghall-iskopijiet strategici ta' parti direttament involuta f'vertenza ma' terzi li lanqas ma gew citati f'dan il-gudizzju.

Rat illi, finalment, is-socjeta intimata sahhqet illi l-fond huwa registrat f'isem ir-rikorrent biss u ghalhekk l-unika relazzjoni guridika illi ghandna s-socjeta intimata hija mar-rikorrent u ma ebda tera persuna ohra.

Rat illi ghalhekk is-socjeta intimata insistiet illi t-talba tar-rikorrenti tigi michuda bl-ispejjez.

Rat illi fis 16 ta' Novembru 2016, il-Qorti laqghet it-talba ghal l-kjamat in kawza ta' Aaron Grech kif maghmulha mir-rikorrenti.

Rat illi, fid 29 ta' April 2016, Aaron Grech, kjamat in kawza, ppresenta r-risposta tieghu fejn eccepixxa, preliminarjament, illi l-kont tas-socjeta intimata huwa intestat f'isem ir-rikorrent u ghalhekk ghandha tkun responsabbli ghall-hlas tieghu hi biss.

Rat illi l-kjamat in kawza sahaq illi sa Dicembru 2014 ir-rikorrenti kienet qieghda tirrisjedi fid-dar hi u sussegwentement abbandunat id-dar minghajr ma hallset il-kontijiet, u ghalhekk hi qed tipprova tahrab mill-obbligi kuntrattwali taghha u hu ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju.

Rat illi l-kjamat in kawza sahaq ukoll illi presentement ghaddej minn proceduri ta' separazzjoni u ghalhekk jekk ir-rikorrenti trid tfittex lill-kjamat in kawza ghal flus, ghandha taghmel dan fil-Qorti tal-Familja u mhux quddiem dina l-Qorti.

Rat illi l-kjamat in kawza insista wkoll illi huwa qatt ma gie notifikat bl-Ittra Ufficjali u ghalhekk ma ghandu jhallas ebda kont.

Semghet ix-xhieda ta' **Reuben Bonnici** mogthija fit 13 ta' Gunju 2016 kif ukoll rat id-dokumentazzjoni minnu esebita.

Rat l-Ittra Ufficjali 2081/15 datata 25 ta' Awwissu 2015 u ppresentata mir-**Registratur tal-Qorti** permezz ta' nota fit 28 ta' Gunju 2016 (fol 37).

Semghet ix-xhieda ta' Reuben Bonnici moghtija fis 17 ta' Ottubru 2016.

Rat illi s-socjeta intimata ddikjarat illi ma kellhiex aktar provi x'tippresenta.

Semghet ix-xhieda ta' **Maria Victoria Grech** moghtija fis-17 ta' Ottubru 2016.

Semghet ix-xhieda ta' **Aaron Grech** moghtija fis-17 ta' Ottubru 2016.

Rat illi fis-17 ta' Ottubru 2016 il-partijiet iddikjaraw illi ma kellhomx aktar provi x'jippresentaw. Rat id-dokumentazzjoni esebita mill-kjamat in kawza fl-20 ta' Ottubru 2016 u, wara li semghet it-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tal-partijiet, differita il-kawza odjerna ghas-sentenza ghallum.

**Ikkunsidrat**

Jirrizulta illi s-socjeta intimata ARMS Limited baghtet Ittra Ufficjali lir-rikorrenti Maria Victoria Grech fil 25 ta' Awissu 2015 ghall-hlas tal-kontijiet pendenti ta' dawl u ilma pprovduti rispettivament mill-Korporazzjoni Enemalta u mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma, li kienu jammontaw ghal €3,167.32.

Jirrizulta illi l-kont ghas-servizz fuq imsemmi fid-dar matrimonjali tal-partijiet Maria Victoria Grech u Aaron Grech, u li tinsab gewwa 34, Xandrija, Triq il-Harruba, Mgarr, huwa registrat f'isem Maria Victoria Grech.

Jirrizulta mhux kkontestat illi sa Dicembru 2014, il-partijiet kienu t-tnejn jghixu taht saqaf wiehed u li, sad-data tal-ppresentata tal-Ittra Ufficjali fuq imsemmija, il-partijiet kien ghad ghandhom konumjoni tal-akkwisti esitenti bejniethom.

Jirrizulta illi l-ahhar pagament ghas-servizz tad-dawl u ilma thallas mir-rikorrenti fil 21 ta' Frar 2014 (fol 62) fejn sar pagament akkont ta' bilanc ferm akbar.

Jirrizulta illi fil 15 ta' Frar 2015, is-socjeta intimata pprocediet biex taqta l-provvista tad-dawl fil-fond fuq imsemmi, liema provvista ghadu ma giex riprestinat ghalkemm il-kjamat in kawza ghadu jirrisjedi fil-fond.

Jirrizulta, tul il-proceduri odjerni, illi l-kjamat in kawza insista illi huwa kien dispost illi jhallas nofs il-kont izda dejjem cahdet li jsir dan ir-rikorrenti, u l-istess kjamat in kawza esebixxa korrispondenza mas-socjeta intimata fejn dawna gharrfuh illi sabiex jidhol fi ftehm dwar kif kien ser jithallas il-kont tad-dawl u ilma sabiex jigi riprestinat id-dawl fil-fond, huwa kellu bzonn l-awtorizazzjoni tar-rikorrenti (fol 78)

Jirrizulta illi ma ghandu jkun hemm ebda dubju, a differenza tad-difizi kollha mqajjma mill-kjamat in kawza quddiem dina l-Qorti, illi huwa ghandu jkun responsabbli ghall-hlas ta' nofs il-kont tad-dawl u ilma, kif del rest ammess minnu precendentement kif ukoll quddiem dina l-Qorti.

Jirrizulta wkoll illi s-socjeta intimata ma ghandhom jahtu xejn ghal-glied u proceduri civili kif ukoll kriminali illi qed iniedu kontra xulxin kemm ir-rikorrenti kif ukoll il-kjamat in kawza.

**Konkluzjoni**

Il-Qorti, ghalhekk,

Wara illi rat il-provi kollha prodotti quddiemha u wara illi semghet ix-xhieda u s-sottomissjonijiet tal-partijiet, taqta u tiddeciedi dina l-vertenza billi, filwaqt illi

Tichad it-talba tar-rikorrenti fejn talbet illi l-Ittra Ufficjali tigi dikjarata bhala wahda infondata fil-fatt u fid dritt,

Tilqa t-talba tar-rikorrent fejn talbet sabiex id-dejn indikat fl-Ittra Ufficjali ikun sopportat ugwalment mir-rikorrenti u l-kjamat in kawza u ghalhekk

Tordna illi l-ammont mitlub fl-Ittra Ufficjali 2081/15 flimkien ma' l-ispejjez taghha ghandhom ikunu sopportati fi kwoti indaqs minn Maria Victoria Grech u Aaron Grech.

L-ispejjez tal-proceduri odjerni ghandhom ikunu sopportati unikament minn Aaron Grech.

**Magistrat Francesco Depasquale**

**Marisa Bugeja**
Deputat Registratur